



Brussell, 9 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13925/18

LIMITE

CULT 135
AUDIO 95
CADREFIN 325
RELEX 932
IA 354
CODEC 1904

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0190(COD)**

NOTA

minn:	Kumitat tal-Affarijiet Kulturali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	13776/18
Nru dok. Cion:	9616/16
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021 - 2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 – Rapport ta' progress

I. Introduzzjoni

1. Fit-30 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021 - 2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013¹.
2. Il-Parlament Ewropew ħatar lis-Sinjura Silvia COSTA (S&D, IT) bħala r-Rapporteur. L-opinjoni tal-Parlament Ewropew għadha pendent.
3. L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew hija mistennija li tiġi adottata f'Diċembru 2018, filwaqt li dik tal-Kumitat tar-Reġjuni ser tiġi adottata aktar tard.

¹ ST 9170/18 + ADD 1.

4. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha u l-valutazzjoni tal-impatt lill-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali u lill-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv fit-22 ta' Ġunju 2018. L-analiżi tal-valutazzjoni tal-impatt kompliet u kienet finalizzata fil-laqgħa tat-2 ta' Lulju 2018.
5. Peress li r-Regolament propost huwa parti mill-pakkett marbut mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), id-dispożizzjonijiet kollha identifikati bħala elementi possibbli tal-abbozz ta' Kaxxa ta' Negozjar futura twarrbu u ser jiġu indirizzati aktar tard matul in-negozjati dwar il-QFP. Dawn id-dispożizzjonijiet, li jidhru bejn parentesi kwadri fit-test, jirrigwardaw il-premessa 21 (stat tad-dritt), l-Artikolu 7.1 (ammont u prezzijiet attwali), l-Artikolu 7.4 (trasferimenti) u l-Artikolu 8.1(d) (parteċipazzjoni minn pajjiżi terzi).
6. Il-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali, inkluż l-esperti mill-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv, eżamina l-proposta fi tmien laqgħat minn Lulju 'l hawn. F'diversi okkażjonijiet il-Kummissjoni provdied spjegazzjonijiet u preżentazzjonijiet ulterjuri dwar kwistjonijiet differenti (kwistjonijiet finanzjarji orizzontali, InvestEU, sinerġiji ma' programmi u politiki oħra tal-UE).
7. Il-Presidenza ppreżentat għadd ta' proposti ta' test ta' kompromess. L-aktar reċenti fosthom jinstabu fid-dokument 13776/18.
8. Għalkemm xi Stati Membri għadhom qed jikkonsultaw u m'għandhomx pożizzjonijiet finali, xorta waħda kien possibbli li jiġu stabbiliti t-tendenzi ewlenin tad-delegazzjonijiet u li jiġu ċċarati bosta kwistjonijiet importanti (eż. definizzjonijiet, objettivi, prijoritajiet u azzjonijiet tat-tliet taqsimiet, komitoloġija). Dan ir-rapport ta' progress jipprova jiġbor fil-qasir, fit-Taqsima II hawn taħt, ir-reazzjonijiet ewlenin tad-delegazzjonijiet.

II. Ir-reazzjonijiet prinċipali tad-delegazzjonijiet

Inġenerali, l-Istati Membri laqgħu l-approċċ tal-Kummissjoni li tinżamm l-istruttura ġenerali tal-programm attwali bit-tliet taqsimiet distinti (KULTURA, MEDIA u TRANSETTORJALI), peress li din tiegħu kont tal-karatteristiċi speċifiċi u l-ħtiġijiet partikolari tas-setturi differenti u ssegwi l-esperjenza pożittiva miksuba taħt il-Programm attwali. Għalkemm din hija kwistjoni għall-Kaxxa tan-Negozjar tal-QFP u hija fparentesi kwadri, bosta Stati Membri xorta waħda esprimew l-appoġġ tagħhom għall-baġit ambizzjuż tal-Programm (madwar +21 %) u qablu mal-allokazzjonijiet indikattivi ta' fondi għat-taqsimiet.

1. Definizzjonijiet (Artikolu 2)

Diversi Stati Membri talbu spjegazzjonijiet dettaljati u eżempji konkreti ta' operazzjonijiet ta' taħlit fis-setturi kulturali u kreattivi. Il-proposta għal "Siġill ta' Eċċellenza" qajmet tħassib fost bosta Stati Membri, b'mod partikolari dwar ir-rilevanza u l-applikazzjoni ta' din it-tikketta fi proġetti kulturali u l-valur miżjud tagħha għall-Programm. Il-Presidenza ppreżentat formulazzjoni ta' kompromess sabiex tirrifletti aħjar ir-rabta tat-tikketta mal-fondi strutturali, u ssuġġeriet isem differenti - "Tikketta ta' kwalità".

2. Struttura u objettivi tal-programm (Artikoli 3-6)

Globalment, l-Istati Membri laqgħu l-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm, għalkemm xi Stati Membri jixtiequ li tingħata attenzjoni akbar lill-kreattività kontemporanja, kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, diversità kulturali u lingwistika u valur miżjud Ewropew. Il-Presidenza pruvat takkomoda dawn is-suġġerimenti f'diversi proposti ta' kompromess u li ssib bilanċ aħjar bejn il-valur intrinsiku u ekonomiku tal-kultura.

3. Distribuzzjoni tal-baġit (Artikolu 7)

Għadd ta' delegati tal-Istati Membri fil-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali esprima appoġġ għall-baġit akbar tal-Programm u qablu mal-allokazzjonijiet indikattivi ta' fondi għat-taqsimiet. L-Istati Membri qablu li jdaħħlu d-distribuzzjoni tal-baġit f'perċentwali. Barra minn hekk, b'kunsiderazzjoni ta' kummenti li saru minn xi Stati Membri, il-Presidenza pproponiet formulazzjoni ta' kompromess fil-premessa korrispondenti (32) li issa tipprevedi limitu ta' 7 % tal-ammont totali ta' spejjeż amministrattivi.

4. Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm (Artikolu 8)

Xi Stati Membri għandhom tħassib serju dwar il-punti 2 u 3 tal-Artikolu 8 (rispett tal-kondizzjonijiet tad-Direttiva 2010/13/UE u d-derogi). Għalkemm jappoġġaw kooperazzjoni wiesgħa ma' pajjiżi terzi fil-Programm, l-Istati Membri jemmnu li l-kondizzjonijiet għall-kooperazzjoni għandhom ikunu ċari minn qabel u m'għandhomx jagħtu lok għal derogi.

5. Mekkaniżmu ta' assigurazzjoni reċiproka (Artikolu 10)

L-Istati Membri esprimew dubji dwar il-vantaġġ ta' dan l-istrument il-ġdid. Wara spjegazzjoni dettaljata mill-Kummissjoni, kien possibbli li dan it-tħassib jingħeleb.

6. Implimentazzjoni (Artikolu 12)

Waqt id-diskussjonijiet fil-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali, l-Istati Membri għamluha ċara li l-programmi ta' ħidma, li abbażi tagħhom jiġi implimentat il-Programm, għandhom ikunu annwali u għandhom jiġu adottati f'kooperazzjoni mal-Istati Membri fil-Kumitat tal-Programm. Il-Presidenza pproponiet formulazzjoni ta' kompromess għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' Kumitat tal-Programm fl-Artikolu 20a. Din il-proposta ġiet aċċettata b'mod ġenerali mill-Istati Membri. Barra minn hekk, l-Istati Membri enfasizzaw il-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol tad-desks tal-programmi nazzjonali, peress li l-għarfien u l-assistenza tagħhom huma kruċjali biex l-atturi kulturali u kreattivi li jkunu qed japplikaw il-Programm jiġu appoġġati. Il-Presidenza indirizzat dawn il-kwistjonijiet fil-proposti ta' kompromess tagħha (b'mod partikolari fl-Anness I).

7. Ugwaljanza bejn is-sessi (Artikolu 13, Anness II)

Bosta Stati Membri talbu li tiġi kkunsidrata l-ugwaljanza bejn is-sessi fir-rigward tal-kriterji u l-indikaturi tal-Programm. Il-Presidenza pruvat takkomoda dawn is-suġġerimenti fil-proposta ta' kompromess.

8. Entitajiet eliġibbli (Artikolu 14)

Matul diversi laqgħat tal-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali bosta Stati Membri esprimew it-tħassib tagħhom fir-rigward tal-inklużjoni fl-Artikolu 14.5 tal-Orkestra taż-Żgħażaġħ Ewropea u l-Akkademja Ewropea taċ-Ċinema fil-lista ta' entitajiet li jistgħu jingħataw għotjiet mingħajr sejħa għal proposti. Filwaqt li rrikonnoxxew il-kwalità eċċellenti tal-prestazzjonijiet u l-ħila esperta unika tagħhom fil-qasam, xi Stati Membri esprimew dubji dwar l-istatus privileġġat ta' dawn iż-żewġ entitajiet taħt il-programm Ewropa Kreattiva u qiesu li l-atturi kulturali kollha għandhom ikollhom kondizzjonijiet ugwali għal aċċess għall-Programm. L-Istati Membri esprimew il-fehmiet tagħhom dwar proposti ta' kompromess differenti abbażi ta' dokument ta' għażliet imħejji mill-Presidenza.

9. Monitoraġġ, valutazzjoni u kontroll (Artikoli 17-20, Anness II)

Minbarra l-indikaturi kwantitattivi, diversi Stati Membri pproponew li l-Programm ikun monitorat permezz ta' indikaturi kwalitattivi, peress li dawn jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv għal intendiment aħjar u aktar komprensiv tal-effetti tal-implimentazzjoni tal-programm. Xi Stati Membri kienu kontra l-użu ta' atti delegati (Artikolu 17.2 u Artikolu 19) biex jiġu żviluppati d-dispożizzjonijiet għal qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inkluż biex jiġu riveduti jew kumplementati l-indikaturi fl-Anness.

III. KONKLUŻJONI

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu mistieden jibgħat dan ir-rapport ta' progress lill-Kunsill, sabiex il-Kunsill ikun jista' jiehwa nota debita tiegħu.
